# Kif, bil-kollaborazzjoni tagħkom, bi ħsiebi nħaddem l-għodda proċedurali fid-dawl ta' l-imperattiv ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli

Henri Mizzi

# L-għajta hi biex il-kawżi jiġi deċiżi iktar malajr

- *Billi* jkollna smigħ (iżjed) xieraq
  - Struttura loġika u magħrufa, ibbażata fuq il-ħtieġa, li hi magħġuna fil-Kodiċi, ta’ *disclosure*
- Iktar effiċjenza
  - Neliminaw is-smigħ ta’ kawżi bis-sulluzzu
  - Inżidu l-possibilità ta’ transazzjonijiet
    - Għaliex l-informazzjoni tiġi żveleta iktar malajr
  - Sentenzi iktar malajr (idealment wara t-*trial*)

# Proċess li - fil-prattika - mhux strutturat

- Rikors ġuramentat u risposta ġuramentata limitati
  - fid-dettall dwar il-bażi legali u fattwali
  - fid-dokumentazzjoni
  - f'dak li ser jingħad mix-xhieda
- *Primo appuntamento*
- Serje ta' seduti fuq medda ta' snin qisha kumpilazzjoni, mingħajr ebda struttura
- Ftit li xejn isir bejn is-seduti
- Dokumenti li jidħlu b'mod sporadiku, ħafna drabi waqt is-seduti
- Kontro-eżamijiet daqqa jsiru qabel u daqqa wara l-egħluq tal-provi ta' parti
- Ħafna u ħafna taħrikiet, partikularment biex jiġi eżebiti dokumenti aċċessibbli pubblikament
- Jingħalqu l-provi
- Sottomissjonijiet, mingħajr *trial*
- Sentenza

# Hemm alternattiva li taħdem aħjar?

- *Pre-trial* u *trial*
  - Sistema proċedurali li trid il-liġi
  - Sistema proċedurali fil-pajjiżi tal-*common law*
  - Sistema proċedurali fl-arbitraġġi internazzjonali, anki meta mħaddma minn avukati ġejjin minn tradizzjoni ċivilista

# *Pre-trial* 1: Definizzjoni tal-kwistjoni

- Il-liġi titlobha; intervent tal-qorti suppost li mhux meħtieġ

- Imma l-każ mhux dejjem hu ċar; u d-difiża hi ħafna drabi neboluża.

- Ebda sforz biex il-kwistjoni tiġi ċċarata, u din it-tip ta' attitudini tiġi tollerata:

  *"Għandi raġun, kif ser nuri, meta jaqbilli u meta jfettilli ..."*

- It-tolleranza ma tiżgurax l-effiċjenza, u tippermetti l-ħabi u l-gambetti

- Eżempji ta' dak li jista' jsir, u li kultant isir:
  - Id-dikjarazzjoni mitluba mill-art. 158(3)(ċ)
    - (Għandha) toħloq parametri ċari dwar x'inhu kontestat
      - Dan jillimita dak li hemm bżonn li jiġi ppruvat
  - Art. 173 jista' jintuża anki biex jiġi ċċarat ir-rikors ġuramentat
  - Spjegazzjoni tal-fatti li kull xhud ser jitressaq biex jipprova (imma dwar dan, iktar 'l quddiem)

# *Pre-trial* 2

- Laqgħa proċedurali (*primo appuntamento* kif għandu jkun) li twassal għal ordni proċedurali u skeda b'termini:
  - Affidavits attur
    - Cf. *Witness statement "*I, [witness], will say … "
  - Dokumenti attur
  - Provi orali (in eżami) attur – assistent ġudizzjarju
  - Affidavits, dokumenti konvenut
  - Provi orali (in eżami) konvenut – assistent ġudizzjarju
  - Żvelar (*particular disclosure*) addizzjonali, jekk meħtieġ
  - Rapport ta' espert jew esperti
  - Indikazzjoni ta' min hu meħtieġ għal kontro-eżami
- Laqgħa proċedurali biex jiġi ppjanat it-*trial*
  - Loġistika
  - Konferma ta' data għat-*trial*

# Wara *Pre-trial*

- Il-każ ta’ kull naħa hu mhux biss definit, imma artikolata, sostanzjata u żvelat, f’termini ta’ provi u ta’ argumenti legali, fl-intier tiegħu, fi stadju relattivament bikri
- Kollox lest għat-*trial*

# *Trial*

- Arġinazzjoni ulterjuri (*narrowing*) tal-kwistjonijiet, fattwali u legali
  - *Pre-trial* għandu jiffunzjona bħala filtru
- Spjegazzjoni tal-kwistjonijiet fattwali u legali li jridu jiġu trattati (*opening*)
- Smigħ tax-xhieda in kontro-eżami
- Sottomissjonijiet finali (arġinazzjoni ulterjuri)
  - Orali
  - Bil-miktub

| **Stadju ta’ qabel is-smigħ** | **Responsabbiltà** | **Data** |
|---|---|---|
| *Provi Rikorrent* | | |
| Provi tar-rikorrent, li għadhom jikkomprendu l-*affidavits* kollha, id-dokumenti kollha fil-pussess jew fil-kontroll tagħhom; id-dokumenti kollha li huma disponibbli pubblikament; u lista tax-xhieda li ma jridux jew li ma jistgħux jixhdu b’*affidavit*. | Rikorrent | |
| Smigħ għall-eżami ta’ dawk ix-xhieda tar-rikorrent li ma jistgħux jew li ma jridux jixhdu b’*affidavit* jew li mingħandhom jinħtieġu xi dokumenti fil-kontroll jew fil-pussess tagħhom. | Rikorrent quddiem assistent ġudizzjarju | |
| *Provi intimati* | | |
| Provi tal-intimati, li għadhom jikkomprendu l-*affidavits* kollha, id-dokumenti kollha fil-pussess jew fil-kontroll tagħhom; id-dokumenti kollha li huma disponibbli pubblikament; u lista tax-xhieda li ma jridux jew li ma jistgħux jixhdu b’*affidavit*. | Intimati | |
| Smigħ għall-eżami ta’ dawk ix-xhieda tal-intimati li ma jistgħux jew li ma jridux jixhdu b’*affidavit* jew li mingħandhom jinħtieġu xi dokumenti fil-kontroll jew fil-pussess tagħhom. | Intimati quddiem assistent ġudizzjarju | |
| *Komunika dwar ħtieġa ta’ kontro-eżami* | Partijiet | |
| *Proċedura ta’ esibizzjoni (jekk ikun hemm bżonn)* | Partijiet | |
| *Rapporti ta’ periti ex parte* | Partijiet | |
| **Stadu ta’ smigħ** | | |
| *Konferenza Proċedurali* | Qorti, partijiet | |
| *Smigħ* | | |
| Dati għas-smigħ | Qorti, partjiet | |
| *Trattazzjoni* | Partijiet | |
| *Noti ta’ sottomissjonijiet* | Partijiet | |
| **Sentenza** | **Qorti** | |

# Użu tas-sistema

- Gradwali fil-kawżi ta’ natura ċivili
- B’mod iktar komplut fil-kawżi ta’ natura kummerċjali

# Tibdil fil-prassi (1)

- Dokumenti - Awtentiċità
  - Rari titqajjem
  - L-awtentiċità tiġi aċċertata billi nużaw l-ammissjoni.
  - Din hi ħaġa li diġà ssir ħafna, imma ma ssirx b'mod strutturat.
  - Jiġu ppreżentati kopji, bil-fakultà lill-kontroparti li tikkontesta l-awtentiċità.
- Dokumenti – Preżentati mill-partijiet:
  - Dawk li huma aċċessibbli pubblikament
    - MBR
    - Registri tal-qrati
    - Planning Authority
    - Reġistru pubbliku u Reġistru ta' l-Artijiet
  - Dawk li huma mhux biss fil-pussess tagħhom, imma li għandhom aċċess għalihom
    - Dokumenti bankarji u simili
    - Korrispondenza ma' terzi
    - Informazzjoni interna

# Tibdil fil-prassi (2)

- Xhieda li mhumiex involuti fil-kawża
  - Dawn dawn għandhom jitħarrku meta m'hemmx mezz ieħor biex tinġieb l-informazzjoni, jew biex informazzjoni ġà mogħtija tiġi *tested*
    - Effiċjenza
    - Rispett
- Kull parti li tressaq xhud li jidher volontarjament jitqies li jrid jidher għall-kontroeżami.

# Xi aspetti loġistiċi

- Atti
  - Paragrafi numerati
  - Refenenzi ċari
    - Dokumenti u provi oħra (fol.)
    - Ġurisprudenza u awturi
      - Lokali – referenzi biss
      - Estera (apparti UE u QEDB), kopja sħiha
      - Awturi, kopja li tagħti kuntest sħiħ
- Identifikazzjoni iktar ċara ta’ min ikun ippreżenta dokument
  - A-001
  - K-001

# Punti ta’ natura ġenerali

- Estensjonijiet skont L.S. 12.09
- Komunikazzjoni
  - Kopji elettroniċi immedjati lill-avukat tal-kontroparti
  - Komunikazzjoni mal-qorti indirizzata lid-deputat reġistratur
  - ‘Smigħ’ proċedurali (*case management*)
- Preparazzjoni
- Parteċipazzjoni
  - *File*
- Verbali u dak li jingħad waqt seduta

Grazzi